**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 18 ta' Novembru 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 21**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 21 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
21.5 Rapporti;
21.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
21.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
21.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
21.9 Aġġornament dwar l-iSkema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2020;
21.10 Pubblikazzjoni ta' Talbiet għall-Offerti għal Tenders u Kwotazzjonijiet;
21.11 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021;
21.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
21.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-21 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

21.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

21.1.1 L-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri bagħat korrispondenza li ma jistax jattendi għal-laqgħa.

21.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jaċċetta din l-apoloġija.

21.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

21.2.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis xtaqte tgħaddi rimarka dwar Minuta 20.8.1, u affermat li hi fl-ebda ħin ma riedet tagħti l-impressjoni li l-Kunsill Lokali għandu jmur kontra dak li tgħid il-Liġi ta' Malta.

21.2.2 Il-Minuti tal-20 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

21.2.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 21.3, 21.4 u 21.5 jiġu diskussi wara Minuta 21.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

21.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

21.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-binja tas-sular t'isfel lesta imma l-kuntrattur talab li ssir spezzjoni tas-sit qabel ikompli.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

21.6.2 Din l-ispezzjoni ser issir fil-jiem li ġejjin minħabba li kien hemm uffiċjal li kellu jkun preżenti għall-ispezzjoni li iżda jinsab kwarantina minħabba li għandu l-Covid-19.

## 21.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

21.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna żewġ laqgħat fl-aħħar jiem, waħda mal-kuntrattur Taljan u l-Perit tal-Kunsill Lokali, kif ukoll laqgħa oħra mal-kuntrattur u s-sottokuntrattur li huwa Malti.

21.7.2 Żied li x-xogħol għandu jitkompla mill-ġimgħa d-dieħla u ser nibdew inkunu infurmati bil-quddiem meta jkunu ser isiru x-xogħolijiet.

21.7.3 Spjega kif tfassal pjan li sal-aħħar t'April 2021 ix-xogħol għandu jkun lest, biex b'hekk sa Mejju jkollna l-proġett komplut.

## 21.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

21.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li nxtara aktar ikel taħt din l-iskema u jidher li użajna l-fondi kollha li kienu jaqgħu taħt din il-kappa.

21.8.2 Spjega li fl-aħħar jiem iddaħħlu d-DNOs l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isiru l-cat shelters fi Triq Ġużè Cassar u Triq Congreve, Wied iż-Żurrieq.

21.8.3 Qal li fadal ammont sostanzjali ta' flus fl-iskema tat-tiswija tal-qtates li jidher li mhux ser jintużaw u allura issa nitolbu lid-Dipartiment sabiex jekk huwa possibbli jinqasmu kemm fuq l-ikel kif ukoll fuq il-cat shelters.

21.8.4 Is-Sindku qal li sal-Ħamis li ġej, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iridu jiffirmaw il-kuntratt il-ġdid tal-iskema l-ġdida tal-annimali għas-sena d-dieħla.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

21.8.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar l-applikazzjoni tad-DNO u qalet li din minn tal-inqas għandha xahar sabiex tiġi pproċessata mill-Awtorità tal-Ippjanar.

21.8.6 Żiedet li ġaladarba nidħlu f'Diċembru 2020, hemm il-possibbilità li l-proċess tal-applikazzjoni jieħu ftit aktar fit-tul, u allura staqsiet jekk huwiex possibbli niktbu lid-Dipartiment għal estensjoni tal-iskema ta' din is-sena.

21.8.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha tintalab din l-estensjoni u dan ser isir fil-jiem li ġejjin.

## 21.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TA' GHAJNUNA GĦAL TIŻJIN TAL-MILIED FIL-LOKALITÀ 2020

21.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa kien hemm xi żviluppi, u dan wara li konna infurmati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu li ser tingħata għajnuna ta' €5,000 għat-tiżjin bid-dawl tal-Milied.

21.9.2 Qal li sar ftehim mas-Soċjetajiet dwar fejn ser jintrama d-dawl, u b'hekk kull Soċjetà ser tkun qed tibbenifika mis-somma ta' €2,500.

21.9.3 Żied li wara diskussjoni mas-Soċjetajiet u anke tlugħ bil-polza, is-Soċjetà Mużikali Santa Marija ser tarma d-dawl madwar il-Ġnien tal-Warda, kif ukoll il-faċċata tal-Kappella tas-Salvatur, parti minn Triq is-Salvatur, parti minn Triq iż-Żurrieq, parti minn Triq il-Kbira u Triq is-Suq.

21.9.4 Min-naħa l-oħra, is-Soċjetà Filarmonika Lourdes ser tarma s-siġar ta' wara l-Monument tal-Gwerra flimkien mal-faċċata tal-Kappella ta' San Mattew, is-siġar li hemm f'Misraħ San Mattew u parti minn Triq il-Kbira.

21.9.5 Barra dawn, il-fondi tar-Reġjun tan-Nofsinhar għat-tiżjin tal-Milied fil-lokalità li jammontaw għal €1,000 ser ikunu mgħoddija lill-Parroċċa tal-Qrendi sabiex issir stilla mal-faċċata tal-Knisja Parrokjali kif ukoll tintrama l-faċċata taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 21.10 PUBBLIKAZZJONI TA' TALBIET GĦALL-OFFERTI GĦAL TENDERS U KWOTAZZJONIJIET

21.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar jiem inħarġu diversi sejħiet għall-offerti mill-Kunsill Lokali u għadda l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jagħti spjegazzjoni dettaljata.

21.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-aħħar jiem inħarġu tliet sejħiet għall-offerti kif ġej:

1. QLC – DPO 49/20: Quotation for the Provision of Services of a Data Protection Officer li jagħlaq nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru, 2020 fil-11:00;

2. QLC – RLGC 49/20: Works – Tender for the Restoration of Our Lady of Graces Chapel in Qrendi li jagħlaq nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2020 fil-11:00;

3. QLC – SSCC 49/20: Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi li tagħlaq nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru, 2020 fil-11:00.

21.10.3 Huwa qal li fil-każ tal-ewwel sejħa, is-servizz mogħti huwa stmat li jkun aktar minn €5,000 imma inqas minn €10,000 u kien għalhekk li nħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet.

21.10.4 Fit-tieni każ, filwaqt li l-Kunsill Lokali m'għandux x'jaqsam mar-restawr tal-Kappella nnifisha, għaliex ir-restawr ser tieħu ħsiebu l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-Kunsill Lokali ħareġ is-sejħa għan-nom tal-Awtorità.

21.10.5 Fit-tielet sejħa, il-kuntratt tal-knis fil-lokalità wasal biex jagħlaq u għaldaqstant kien wasal iż-żmien biex tinħareġ is-sejħa.

21.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv elenka wkoll diversi sejħiet għall-offerti li mistennija jinħarġu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, fosthom sejħa għas-servizz t'accountant, sejħa għat-tisbiħ ta' diversi sqaqien fil-Qrendi kif ukoll sejħa għat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 21.11 POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA 2021

21.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna komunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021.

21.11.2 Ippropona li għal sen'oħra għandna nġeddu din il-polza tal-assigurazzjoni li tinkorpora lill-Kunsillieri, l-impjegati, kif ukoll il-ħaddiema anċillari tal-Kunsill Lokali.

## 21.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

21.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-premju li rebaħ il-Kunsill Lokali tal-Qrendi mingħand il-WasteServ Malta.

21.3.1.1 Qal li dan l-unur u premju ntrebħu waqt il-programm Popolin li jixxandar fuq TVM u b'hekk ġejna rregalati €5,000 sabiex jintużaw għall-ġid tal-komunità tagħna.

21.3.1.2 Spjega kif il-premju ntrebaħ minħabba li kellna żjieda fl-iskart organiku u l-iskart riċiklat, filwaqt li tnaqqas l-iskart bil-borża s-sewda.

21.3.1.3 Is-Sindku qal li bħalissa bħala Kunsill Lokali qegħdin inħarsu lejn it-turiżmu reliġjuż, u filwaqt li l-Kappella ta' San Mattew diġà ġiet irrestawrata u qed isir xi tisbiħ, u l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja ser tiġi rrestawrata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena ser ikun lest sas-sena d-dieħla mid-Direttorat għar-Restawr, qal li fadal il-Kappella ta' Santa Katarina fejn it-titular ta' din il-kappella għandu bżonn tindifa u restawr.

21.3.1.4 Barra minn hekk, qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaqbel, jekk jifdal fondi, naraw jekk inkunux nistgħu nagħmlu statwa ta' San Nikola li titpoġġa fuq il-kappella taċ-Ċimiterju tal-Qrendi, liema statwa kienet insterqet numru ta' snin ilu.

21.3.1.5 Qal li permezz ta' fondi mit-Tourism Zones, sar restawr tal-Kappella taċ-Ċimiterju u bħalissa qed jiġi miżbugħ il-kanċell ta' barra tal-istess post.

21.3.1.6 Spjega li fadal tingħata ż-żebgħa minn ġewwa fil-kappella, imma dan ser isir ġaladarba negħlbu l-problema tal-umdità li nġabret matul is-snin.

21.3.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tħaffir li jrid isir f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

21.3.2.1 Qal li għandna l-permessi f'idejna u din il-ġimgħa ser jinbeda x-xogħol.

21.3.3 Is-Sindku tkellem dwar skema ta' tħawwil ta' siġar fil-lokalità.

21.3.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien ippropona li jitħawlu xi siġar fiż-żona ta' wara l-Palazz tal-Guarena.

21.3.3.2 Spjega kif qed nistennew risposta favorevoli mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fejn ser ikun hemm bżonn li jittella' ħajt żgħir u titpoġġa ftit ħamrija qabel jitħawlu s-siġar.

21.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand u qal li kellna sapport kbir mill-Ministeru għat-Turiżmu, fejn ingħatajna xi bankijiet biex jibdlu dawk antiki u mkissra li kien hemm fil-Ġnien.

21.3.4.1 Spjega kif tneħħew xi siġar morda taċ-ċitru, kif ukoll tneħħew id-dwieli kollha biex tħawlu oħrajn ġodda, kif ukoll tħawlu siġar taż-żebbuġ u larinġ.

21.3.4.2 Żied li konna ser napplikaw mal-Awtorità għall-Ippjanar sabiex isir it-tisbiħ tal-Ġnien tal-Kmand, imma issa rridu nitkellmu mal-Ministru l-ġdid tal-Ministeru għat-Turiżmu dwar din l-applikazzjoni.

21.3.5 Is-Sindku tkellem dwar is-CCTV cameras fejn hemm il-bring-in sites tal-lokalità.

21.3.5.1 Qal li kull CCTV camera tiġi tiswa mat-€800 kif ukoll mal-€1,000

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

spejjeż fis-sena biex tinżamm fi stat tajjeb.

21.3.5.2 Fisser li kull sena nkunu rridu noħorġu kważi €1,000 għal kull żona fejn hemm il-cameras, spejjeż li mhu ser jiġu rkuprati minn imkien, għaliex il-LESA tagħtina perċentwal vera żgħir miċ-ċitazzjonijiet li jidħlu.

21.3.5.3 Spjega li hemm il-ħsieb li jitwaħħlu l-cameras fi Triq l-Imqabba (faċċata tal-Kappella ta' Santa Katarina, maġenb is-sub-station), Triq il-Fulija kantuniera ma' Triq il-Ġwiewel u Triq il-Biżantini (fejn hemm il-bring-in site).

21.3.5.4 Żied li l-ewwel ħsieb kien li jitwaħħlu solar panels, imma bihom jista' jkollna problema fi ġranet fejn ix-xemx tkun dgħajfa jew inkella jkun imsaħħab ħafna. Għaldaqstant irridu niddeċiedu jekk napplikawx għal permessi temporanji mal-ARMS u l-Enemalta biex ikollna d-dawl elettriku.

21.3.5.5 Is-Sindku ppropona li mmexxu dwar dan il-każ, il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

21.3.6 Is-Sindku tkellem dwar is-sistema tal-permessi online.

21.3.6.1 Qal li saret il-laqgħa mal-promoturi ta' din is-sistema, fejn saret preżentazzjoni dwar x'tinvolvi u tinkorpora s-sistema.

21.3.6.2 Wara xi mistoqsijiet mill-Kunsillieri s-Sindku ppropona li għandna ndaħħlu din is-sistema.

21.3.6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li għandna niġbru tliet kwotazzjonijiet qabel inmexxu dwar din is-sistema u kien deċiż li ser tintbagħat e-mail lil xi kumpaniji oħra biex niġbru aktar kwotazzjonijiet.

21.3.7 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħolijiet li qegħdin isiru mill-ħaddiema tal-RSS.

21.3.7.1 Qal li qiegħed ikollna każijiet fejn inkunu affaċċjati bil-problema dwar it-trasport minħabba l-ġarr tal-materjal, eċċ...

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

21.3.7.2 Spjega li fil-preżent qegħdin nirrimborżaw lill-ħaddiema bil-kilometri, imma dan mhux dejjem qiegħed ikun vijabbli għax il-flus qed jinħarġu mill-Petty Cash tal-Kunsill Lokali u allura dan qed ikun ta' piż finanzjarju fuq il-flus kurrenti.

21.3.7.3 Qal li wieħed mill-ħaddiema għandu vettura li tista' tintuża' għall-ġarr tal-materjal, eċċ..., u għaldaqstant għandna nirrimborżaw lill-persuna bi €30 fix-xahar, u din tkun rata fissa.

21.3.7.8 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

21.3.8 Is-Sindku tkellem dwar Triq Rokku Buhagiar u qal li fid-19 ta' Novembru kellhom jibdew ix-xogħolijiet ta' tiswija, imma s'issa għadu ma nbeda xejn.

21.3.8.1 Qal li għalkemm ix-xogħol għadu ma nbediex, il-makkinarju diġà jinsab fuq il-post u qed nistennew minn ġurnata għall-oħra li jinbeda x-xogħol.

21.3.8.2 Spjega li tkellem mad-Dipartiment għax-Xogħolijiet dwar id-dewmien sabiex jinbeda x-xogħol u issa ser nistennew sat-Tnejn 30 ta' Novembru, 2020 qabel ma jsir rapport formali mad-Direttur Ġenerali.

21.3.9 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mingħand Transport Malta dwar mera fi Triq San Nikola.

21.3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Amministratur Parrokjali dwar il-kirja tal-Media Room fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

21.3.10.1 Qal li d-diskussjoni kienet tirrigwarda s-sena 2021 fejn il-ftehim inizjali hu li l-Media Room tintuża' darbtejn fil-ġimgħa waranofsinhar u/jew filgħaxija u darb'oħra filgħodu.

21.3.10.2 Dwar iċ-ċavetta taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, qal li għalkemm il-Kunsill Lokali għandu kopja, din qed tintuża' b'mod speċjali biex

tkun imnaddfa l-Media Room matul il-ġurnata, u issa qed inħallsu €10 kull darba li l-Media Room tinfetaħ għall-korsijiet tal-LifeLong Learning.

21.3.10.3 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw il-ftehim verbali li sar mal-Amministratur Parrokjali Dun Mario Said, u li issa dan ser ikun bil-miktub filwaqt li l-Kunsilliera Marion Parnis issekondat.

21.3.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

21.3.11 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li s'issa x-xogħol għadu ma tlestiex, għaliex is-service road kantuniera ma' Triq l-Imqabba għadha trid tingħata t-tarmak, kif ukoll irid jingħata t-tarmak maġenb ir-roundabout prinċipali.

21.3.11.1 Qal li fadal xi dwal x'jiġu installati, kif ukoll is-sinjali tat-toroq li jridu jiġu rranġati minħabba l-infrastruttura li saret.

21.3.11.2 Spjega kif irċevejna diversi lmenti dwar ir-roundabouts li saru, kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq u l-oħra kantuniera ma' Triq il-Fulija u Triq Antonio Chircop.

21.3.11.3 Qal li kull ilment li daħal bagħtnih lil Infrastruttura Malta sabiex ikunu jistgħu jarawh, imma sal-lum għad m'għandna l-ebda informazzjoni dwar dawn l-ilmenti.

21.3.11.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li waħda mill-problemi li nħolqot hija s-service roads, għaliex ċertu sewwieqa qed jibqgħu deħlin fuq min ikun qed jimxi.

21.3.11.5 Żied li qed ikun hemm problema bil-karozzi tal-linja, għaliex jekk ma jdurux sew, jew qed jissugraw li jolqtu l-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija, jew inkella jirriskjaw li jaqbdu r-roundabout.

21.3.11.6 Is-Sindku wieġeb li ġie infurmat li ser isir survey ta' kif ġiet it-triq, u allura nittamaw li dal-punti joħorġu matul is-survej biex jiġu rrimedjati.

21.3.11.7 Il-Viċi Sindku staqsa jekk nistgħux nibagħtu uffiċjalment lil

Infrastruttura Malta fejn ngħidu li l-Kunsill Lokali ma jaqbilx kif saret ir-roundabout kantuniera ma' Triq il-Fulija u Triq Antonio Chircop.

21.3.11.8 Żied li jiżdiedu kemm jiżdiedu sinjali tat-traffiku xorta waħda mhux ser tissolva l-problema li nħolqot.

21.3.11.9 Tkellem ukoll dwar iz-zebra crossings fi Triq it-Tempesta, u qal li wara li bagħtna l-proposta tagħna, konna infurmati li jistgħu jsiru imma f'postijiet strateġiċi li mhux bilfors ser ikunu ideali.

21.3.11.10 Qal li minn tal-inqas zebra crossing trid tkun 25 metru 'l bogħod minn kantuniera jew side road, u allura jistgħu biss isiru tnejn, li xorta waħda ser ikunu 'l bogħod mill-bus stops.

## 21.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

21.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar il-vaċċin tal-influwenza u jekk għandniex informazzjoni meta ser ikompli jingħata.

21.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li s'issa m,'għandniex informazzjoni dwar dan, imma probabbilment il-vaċċin ser ikun qed jingħata biss miċ-Ċentri tas-Saħħa.

21.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk huwiex possibbli li ssir mera fi Triq it-Torri kantuniera ma' Sqaq Nru 3.

21.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li wieħed irid jara jekk hemmx fejn titpoġġa, inkella nistgħu nikkunsidraw ukoll li t-triq issir one way.

21.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar talba li saret minn xi residenti fi Triq it-Tempesta direzzjoni lejn Misraħ il-Maqluba, dwar traffic calming devices.

21.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li ltaqa' mal-Perit ta' Transport Malta, fejn kien mgħarraf li jekk ser isir xi ħaġa, tkun anti-skid, għalkemm dan fil-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

verità mhux ser inaqqas daqstant il-veloċità.

## 21.5 RAPPORTI

21.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 21.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

21.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €63,854.79 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/20 u €242.37 skont il-*Petty Cash* Ref X/10.

21.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

21.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

21.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 21.13 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

21.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Diċembru fil-17:00.

21.13.1.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona u l-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda.

21.13.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li l-laqgħa tibda barra l-ħin stipulat bil-Liġi u dan minħabba li fl-istess ġurnata ser issir il-Laqgħa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ġenerali Annwali tal-Lokalità.

21.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Lokalità trid issir sal-15 ta’ Diċembru, 2020 u dan sabiex il-Kunsill Lokali jkun qiegħed jirrispetta l-obbligi legali li għandu.

21.3.2.1 Is-Sindku David Schembri qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija tal-Covid-19, il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Lokalità għandha ssir fuq il-pjattaforma ZOOM, kif qegħdin isiru l-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

21.3.2.2 Qal li permezz ta’ din il-pjattaforma, min irid jieħu sehem fil-laqgħa jintbagħtulu l-kredenzjali sabiex ikun jista’ jidħol fis-sistema, imbagħad jagħmel l-intervent tiegħu waqt is-sezzjoni tal-Ilmenti u s-Suġġerimenti mill-Pubbliku Inġenerali.

21.3.2.3 Fakkar li f’din il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Lokalità jistgħu jintervjenu biss persuni li isimhom huwa mniżżel fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Lokalità.

21.3.2.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

21.3.2.5 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Lokalità ser issir nhar it-Tlieta 15 ta’ Diċembru u tibda fis-19:00.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**